



Il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 52/21 Error! Reference source not found.
il-Lussemburgo, 14 ta' April 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenzi fil-Kawżi T-378/20 Ryanair DAC vs Il-Kummissjoni u
T-379/20 Ryanair DAC vs Il-Kummissjoni

Il-miżuri ta' għajnuna stabbiliti mill-Isvezja u mid-Danimarka favur SAS għad-danni li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni jew mill-iskedar mill-ġdid tat-titjiriet wara r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-Covid-19 huma konformi mad-dritt tal-Unjoni

Fid-dawl tal-fatt li SAS għandha sehem mis-suq li huwa kunsiderevolment ikbar minn dak tal-eqreb kompetituri tagħha f'dawn iż-żeġ Stati Membri, l-għajnuna ma tikkostitwixx diskriminazzjoni illegali

F'April 2020, id-Danimarka u l-Isvezja kkomunikaw lill-Kummissjoni żewġ miżuri ta' għajnuna differenti favur il-kumpannija SAS AB, fejn kull waħda mill-miżuri ta' għajnuna tikkostitwixxi garanzija għal kreditu kontinwu ta' ammont massimu ta' 1.5 biiljun krona Svediża (SEK)¹. L-imsemmija miżuri kienu intiżi li jikkumpensaw parżjalment lil SAS għad-dannu li rriżulta mill-kanċellazzjoni jew mill-iskedar mill-ġdid tat-titjiriet tagħha wara l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19.

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-15 ta' April 2020² u tal-24 ta' April 2020³, il-Kummissjoni kklassifikat il-miżuri kkomunikati bħala għajnuna mill-Istat⁴ kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE. Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna intiża li tirrimedja l-ħsara kkawżata minn diż-zaġatri naturali jew avvenimenti straordinarji huma kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikorsi intiżi għall-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet, li ġew madankollu miċħuda mill-Għaxar Awla Estiżza tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, din tal-aħħar tikkonferma għall-ewwel darba l-legalità ta' miżuri ta' għajnuna individwali adottati sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fid-dawl tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE⁵.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralni

Il-Qorti Ġenerali tiċħad, fl-ewwel lok, il-motiv ibbażat fuq il-fatt li l-għajnuna mogħtija hija inkompatibbli mas-suq intern peress li hija intiża li tirrimedja d-danni mgħarrba minn kumpannija waħda. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tiċċċara li, konformement mal-Artikolu 107(2)(b) TFUE, għajnuna tista' tkun intiża li tirrimedja d-danni kkawżati minn avveniment straordinarju minkejja li

¹ Il-miżura ta' għajnuna adottata mill-Isvezja tirrappreżenta għajnuna individwali li l-Isvezja ddeċidiet li tagħti l-SAS bħala kumpannija eliġibbli taħt l-iskema ta' garanziji għal self intiżi bħala sostenn għall-kumpanji tal-ajru Svediża kollha fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19, li kienet ġiet ikkomunikata mill-Isvezja lill-Kummissjoni f'data preċedenti għal dik tal-komunikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna individwali u kienet ġiet approvata minn din tal-aħħar fil-11 ta' April 2020, skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2416 finali dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56795 (2020/N) – Id-Danimarka – Kumpens għad-dannu kkawżat l-SAS mill-pandemija tal-Covid-19.

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2784 finali dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57061 (2020/N) – L-Isvezja – Kumpens għad-dannu kkawżat l-SAS mill-pandemija tal-Covid-19.

⁴ Fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

⁵ Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-259/20](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 17/21](#)), il-Qorti Ĝeneralni wettqet eżami analogu tal-legalità ta' skema ta' għajnuna adottata minn Franzia sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19 fis-suq Franċiż. Tat-trasport bl-ajru. Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April 2021, Ryanair vs Il-Kummissjoni, [T-388/20](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 53/21](#)), il-Qorti Ĝeneralni eżaminat miżura oħra ta' għajnuna individwali abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

din tkun tibbenefika biss lil impija individwali mingħajr ma tirrimedja d-danni kollha kkawżati minn dan l-avveniment. Konsegwentement, **il-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball ta' liġi minħabba s-sempliċi fatt li l-miżuri ta' għajjnuna favur SAS ma kinux jibbenefikaw lill-vittmi kollha tad-danni kkawżati mill-pandemija tal-Covid-19.**

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv ta' Ryanair li jikkontesta l-proporzjonalità tal-miżuri ta' għajjnuna fir-rigward tad-danni kkawżati lil SAS mill-pandemija tal-Covid-19. Il-Qorti Ġenerali tfakkar, qabel kollox, li l-Artikolu 107(2)(b) TFUE jippermetti biss li jiġu kkumpensati l-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati direttament mid-diż-zastru naturali jew minn avvenimenti straordinarji oħra. Madankollu, **fid-dawl tan-natura evoluttiva tal-pandemija u n-natura neċċessarjament prospettiva tal-kwantifikazzjoni tad-danni kkawżati minnha lil SAS, il-Kummissjoni kienet ippreżentat bi preċiżjoni suffiċjenti metodu ta' kalkolu intiż għall-evalwazzjoni tal-imsemmi danni li jista' jevita r-riskju tal-possibbiltà ta' kumpens żejjed**⁶. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tenfasizza, barra minn hekk, l-impenn meħud mid-Danimarka u mill-Isvezja li jwettqu evalwazzjoni ex post tad-danni effettivament imġarrba minn SAS, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021, u li jitkolbu, jekk ikun il-każ, lil din tal-aħħar ir-imbors tal-ghajjnuna li teċċedi l-imsemmija danni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ghajjnuna kollha li tista' tingħata lil SAS minħabba l-pandemija tal-Covid-19, inkluża dik minn awtoritajiet barranin.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Fil-fatt, għajjnuna individwali tistabbilixxi, min-natura tagħha stess, differenza fit-trattament, saħansitra diskriminazzjoni, li hija inerenti għan-natura individwali tal-miżura. L-argument li tali għajjnuna tmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jkun, għalhekk, sistematikament jikkontesta l-kompatibbiltà mas-suq intern ta' kull għajjnuna individwali filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri jagħtu tali għajjnuna, sakemm il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 107 TFUE ikunu ssodisfatti.

Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li d-differenza fit-trattament stabbilita mill-miżuri inkwistjoni tista' titqies li hija diskriminazzjoni b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, din tista' tkun iż-ġġustifikata meta hija tkun neċċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex jintlaħaq għan leġġitimu. Bi-istess mod, sa fejn Ryanair tirreferi ukoll għall-Artikolu 18 TFUE, il-Qorti Ġenerali tosserva, barra minn hekk, li din id-dispożizzjoni tipprobixxi kwalunkwe diskriminazzjoni mwettqa fuq il-bażi tan-nazzjonalità fil-qasam tal-applikazzjoni tat-Trattati, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari li huma jipprevedu. Issa, peress li l-Artikolu 107(2)(b) TFUE, jinsab, skont il-Qorti Ġenerali, fost dawn id-dispożizzjonijiet partikolari previsti mit-Trattati, hija tkompli bl-eżami tagħha tal-miżuri inkwistjoni fuq din il-bażi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonferma, minn naħħa, li l-għan tal-miżuri inkwistjoni kien jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(2)(b) TFUE, sa fejn dan huwa effettivament intiż li jirrimedja parjalment id-danni kkawżati lil SAS minħabba avveniment straordinarju, jigifheri l-pandemija tal-Covid-19. Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, min-naħħa l-oħra, li **d-differenza fit-trattament favur SAS hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-imsemmija miżuri u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq, peress li SAS għandha l-ikbar sehem tas-suq tad-Danimarka u tal-Isvezja, u peress li dan is-sehem tas-suq huwa kunsiderevolment ikbar minn dak tal-eqreb kompetituru tagħha fiż-żewġ pajjiżi.**

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali teżamina d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-libertà ta' stabbiliment. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tirrileva li **Ryanair ma tistabbilixx kif in-natura esklużiva tal-miżura tista' tiskoraġġixxa milli tistabbilixxi ruħha fid-Danimarka jew fl-Isvezja jew milli tiprovvdi servizzi minn jew lejn wieħed jew l-ieħor minn dawn il-pajjiżi.**

⁶ Il-Kummissjoni indikat il-portata tad-danni mġarrba minn SAS bħala li tikkorrispondi għat-“telf ta’ valur miżjud”, li jikkonsisti fid-differenza bejn id-dħul għall-perijodu bejn Marzu 2019 u Frar 2020 u dak għall-perijodu bejn Marzu 2020 u Frar 2021, li minnu tnaqqsu, minn naħħa, l-ispejjeż varjabbi evitati, li ġew ikkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż sostnati bejn Marzu 2019 u Frar 2020 u, min-naħħa l-oħra, il-marġni ta’ profit relataf mat-telf ta’ dħul. L-ammont tad-danni ġie provvijorjament evalwat b'teħid inkunsiderazzjoni ta’ tnaqqis tat-traffiku tal-ajru ta’ bejn 50 u 60 % għall-perijodu bejn Marzu 2020 u Frar 2021 meta mqabbel mal-perijodu bejn Marzu 2019 u Frar 2020 u li jikkorrispondi għal ammont ta’ bejn SEK 5 u 15-il biljun.

Fir-rigward tal-Kawża T-379/20, il-Qorti Ĝeneralni tikkonstata, barra minn hekk, li l-miżura ta' għajnuna kkomunikata mill-Isvezja hija ta' natura sussidjarja għall-iskema ta' għajnuna Svediża adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE sabiex tirrimedja d-disturb serju tal-ekonomija tal-Isvezja kkawżat mill-pandemja tal-Covid-19⁷. Madankollu, hija tiċħad l-argument ibbażat fuq il-fatt li din il-miżura jista' ma jkollhiex, għal din ir-raġuni, l-għan li jiġi rrimedjat avveniment straordinarju fis-sens tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralni tispecifikha li t-Trattat FUE ma jipprekludix applikazzjoni simultanja tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE u tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ikunu ssodisfatti. Dan japplika b'mod partikolari meta l-fatti u ċ-ċirkustanzi li jagħtu lok għal disturb serju tal-ekonomija jirriżultaw minn avveniment straordinarju.

Il-Qorti Ĝeneralni tiċħad, fl-aħħar nett, bħala infondati l-motivi bbażati fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tikkonstata li ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali dderivati mill-Artikolu 108(2) TFUE.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ĝeneralni, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ġerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ĝeneralni. Jekk ir-rikors iku fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal l-kunċċa ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ĝeneralni.

It-test sħiħ tas-sentenza ([T-378/20](#) u [T-379/20](#)) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għotxi tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106

⁷ Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Frar 2021, Ryanair vs II-Kummissjoni, [T-238/20](#) (ara wkoll l-istqarrja għall-istampa [Nru 16/21](#)), il-Qorti Ĝeneralni ċaħdet ir-rikors ta' Ryanair kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni billi ddikjarat din l-iskema Svediża kompatibbli mas-suq intern.